MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 358/2005/1

**Maltacom p.l.c, illum Go p.l.c**

**v.**

**Nicholas Grech**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fid-19 ta' April 2005, li taqra hekk:

"Premess illi, il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, tmien mija u erba' Liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm5,804.14) in konnessjoni ma'

hsarat minnu kkagunati lil proprjeta` tas-socjeta` attrici fuq *cables* tat-telefon fi Triq il-Mithna, Hal Qormi u dan nhar it-23 ta’ Settembru, 2002 u dan skond fattura lilu mibghuta li ggib in-numru hdax-il elf, tliet mija u tlieta u tletin (11,333) kopja hawn annessa u mmarkata Dok. ‘A’

“Peress illi l-konvenut interpellat biex ihallas, baqa’ inadempjenti;
“Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“(1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kkagunati;

“(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamest elef, tmien mija u erba’ Liri u erbatax-il centezmu (Lm5,804.14);

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, minnu pprezentata fil-11 ta’ Lulju 2005, li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit li l-konvenut m’huwiex responsabbli ta’ danni allegatament ikkagunati lis-socjeta` attrici mill-konvenut kif dedott fl-att tac-citazzjoni u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak ga` eccepit u minghajr ebda accettazzjoni ta’ responsabbilta`, l-ammont pretiz fl-att tac-citazzjoni huwa eccessiv u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Salv eccezzonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar 2008, li in forza taghha, wara li dik il-Qorti laqghet it-talba attrici u ddikjarat lill-konvenut responsabbli

ghad-danni kkagunati, ikkundannatu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ €13,520.01, ekwivalenti ghal Lm5,804.14, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Din il-kawza tirrigwarda hsara li saret fil-*cables* tat-telefon tas-socjeta` Maltacom liema *cables* kienu jinsabu f’Triq il-Mithna, Qormi. Qed jigi allegat li din il-hsara saret mill-konvenut Nicholas Grech. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta’ Lm5,804.14 ghal spejjez materjali, *labour cost,* u VAT skond Dok D1 a fol. 34.

“Min-naha l-ohra l-konvenut wiegeb li hu gie mqabbad mill-Kunsill Lokali ta’ Hal Qormi biex jaghmel xoghol ta’ tindif fil-Wied ta’ Hal Qormi taht il-*bridge* billi kien hemm kwantita` ta’ terrapin u hamrija li kien qed jostakola l-fluss tal-ilma.

“Is-socjeta` attrici qed tikkontendi li hija ma gietx mitluba biex taghti l-permess biex ix-xoghol ikun jista’ jsir u lanqas ma ntalbet biex tassisti u timmarka l-post fejn kienu jinsabu l-*cables*. Hija qed tghid li l-hsara grat billi kien tpogga *support* ghal *bridge* u dan ghamel hsara fil-*cable* li kien ghaddej taht il-*bridge*. Minhabba s-*support* tal-*bridge* kien hemm *pressure* fuq il-konkos li laqghat il-*cable*.

“Il-konvenut isostni li hu gie mqabbad mill-Kunsill Lokali biex jikklerja l-hama li kien hemm taht il-*bridge* u jaghmel il-konkos minflok. Dan it-tindif ghamlu bil-*bucket* tal-gaffa u ma kellhux ghalfejn jinzel fil-fond. Jumejn jew tlieta wara li spicca mix-xoghol gie nfurmat li kien intlaqat il-*cable*. Hu jghid li l-aktar li nizel biex inehhi l-hama kien sitt pulzieri, sebgha u jekk intlaqat *cable* dan kien minhabba n-nuqqas tas-socjeta` attrici li qeghdet dawn il-*cables* fil-wicc. Kienu ghamlu wkoll *reinforcement* lill-*bridge*. Isostni li f’dan il-kaz ma kellux ghalfejn japplika ghal permess billi kien se jsir tindif u mhux thaffir.

“Il-konvenut qed jissottometti li s-socjeta` attrici ma ppruvatx preciz x’tip ta’ hsara giet kagjonata fil-*cable*.

“Dwar dan xehdet Alice Zammit, l-inginier mal-Wirenet Company li sewwew il-hsara u qalet li l-*cable* kien ghaddej minn taht il-*bridge* ta’ Hal Qormi. Il-hsara giet kagjonata billi kien tpogga *support* ghal *bridge* u dan ghamel hsara fil-*cable*. Minhabba s-*support* tal-*bridge* kien hemm *pressure* fuq il-konkos li laqghat il-*cable*. Meta marret fuq il-post ma ratx nies jahdmu, lanqas ingenji jew trinka. Hi tghid li l-*cable* kien zewg piedi l-isfel mit-triq.

“Min-naha l-ohra l-konvenut jghid li gie imqabbad biex jikklerja l-hama u jaghmel l-konkos minflok u ghamel dan ix-xoghol bil-*bucket* tal-gaffa u ma kellux ghalfejn jinzel fil-fond. L-aktar li nizel biex inehhi l-hama kien sitt pulzieri, sebgha. Jikkonferma li kienu ghamlu *reinforcement* lill-*bridge*.

“Jirrizulta mill-provi li kien il-konvenut il-persuna li kien qed jaghmel xoghol fil-Wied dik il-gurnata meta saret il-hsara fil-*cable* u ma kien hemm ebda haddiema ohra jahdmu hemmhekk. Il-konvenut jaccetta li meta hu kien qed jikklerja l-hama hu kellu jinzel bil-*bucket* tal-gaffa taht il-wicc tal-art minn sitta sa seba’ pulzieri, u ghalhekk kien f’dak il-waqt li huwa laqat il-*cable* u ghamel il-hsara lamentata, ghalkemm hu jghid li ma kien induna b’xejn.
“Skond il-konvenut, is-socjeta` attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq il-premessa li hu kien negligenti billi ma ezegwiex ix-xoghol ta’ thammil ta’ wicc l-art fil-Wied billi ma talabx il-permess minn ghandha u biex tindikalu fejn kien ghaddej il-*cable*. Il-konvenut pero` jikkontendi li x-xoghlijiet li kienu se jsiru kienu mill-wicc ’il fuq tat-triq u ma kienux jehtiegu permess.

“Il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz, apparti l-buon sens, kien hemm fatturi ohra li jimmilitaw biex jintalab permess.

“F’dan il-kaz ma kienx ser isir biss xoghol ta’ tindif izda wkoll xoghlijiet fuq il-pilastri tal-*bridge* u *reinforcement*.

“Kienet se ssir ukoll sodda tal-konkos wara li jsir it-tindif

“Ix-xoghol li sar ma kienx jinvolvi tindif biss imma anke sar skavar bil-gaffa li nizlet sitta sa seba’ pulzieri. Ghalhekk anke jekk ix-xoghol li sar kien xoghol zghir ta’ thaffir dejjem kien prudenti li l-konvenut jitlob il-permess u jaccerta ruhhu x’kien ghaddej taht it-triq.

“Indipendentement minn kwalsiasi talba ghall-permess, il-konvenut kien dejjem obbligat li jara li ma jaghmilx hsara fix-xoghol li jkun qed jaghmel.

“Skond l-Art. 1031 tal-Kap. 16 “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu”. Din il-hsara li tigri tobbliga lill-awtur tal-istess hsara ghar-rizarciment tad-danni subuiti mit-terzi.

“Ukoll “jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja” (Art. 1032(1), Kodici Civili).

“Biex jissussisti dan l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta’ diligenza jrid ikun hemm il-prevedibilita` tal-event dannuz, “prevedibilita` li trid tkun ta’ probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta’ possibilitajiet remotissimi u inverosimili” (Kollez Vol XLVIII pI p258).

“Hu rikjest fl-istess hin, pero`, li sabiex ikun hemm lok ghad-danni, irid jkun hemm in-ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. (Vol XLIV p1 p 343).

“Hu accettat, li qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, kuntrattur ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega **(Vol XLII pI p517).**

“Ghalhekk hu dmir tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi prodotti tindividwalizza din ir-responsabilita`.

“Fil-kaz in ezami l-konvenut kellu obbligu li qabel jibda x-xoghol moghti jizgura li ma kienux ghaddejin servizzi (kif dejjem ikun hemm fit-triqat – tal-ilma, *cables*, elettriku, etc., (ara fol. 101) – fis-sit in kwistjoni. Hu kellu jagixxi bi prudenza, diligenza u attenzjoni ta’ missier tajjeb ta’

familja u jitlob l-informazzjoni u l-assistenza necessarja biex ikun jista' jahdem bla perikolu ghalih u bla ma kkawza hsara lill-terzi. Hu setgha jipprevedi li jekk jiftah it-triq (il-konvenut fil-fatt nizel seba' pulzieri taht wicc it-triq) hu jista jikkawza hsara lis-servizzi li jkun ghaddejin minn hemm, ikunu fejn ikunu. Dan ma kienx xi kaz fortwitu jew rizultat ta' forza magguri, lanqas ma kienet xi possibilita` remota jew inverosimili li jsib servizzi taht il-wicc tat-triq.

"Il-konvenut jinsisti li l-fatt li s-socjeta` attrici poggiet il-*cable* prattikament fil-wicc tal-art kisret l-obbligu taghha li tqieghed il-*cables* f'posizzjoni li ma jigrilhomx hsara facilment u minhabba f'hekk hu ma setax jinduna bihom.

"L-atturi u x-xhieda minnhom prodotti jikkontendu li l-*cable* kien zewg piedi l-isfel mit-triq u mhux ftit pulzieri kif qed jippretendi l-konvenut billi kien hemm il-hxuna tal-konkos. Inoltre huma ssottomettew li r-ritratti esebiti mill-konvenut m'humiex indikattivi ezattament tal-post fejn gara l-incident. Inoltre l-ahhar ritratti esebiti mill-konvenut ma jindikawx  fejn fil-fatt huwa dan is-sit billi kull ma jidher huwa hofra. Jirrileva li l-konvenut qatt ma talab li jsir access biex jigi stabbilit ezattament fejn kienu jinsabu l-*cables*.

"Ghalkemm huwa veru li probabilment il-*cables* ma tpoggewx mill-atturi fl-ahjar posizzjoni desiderabbili, il-Qorti hi tal-fehma li kienu n-nuqqasijiet tal-konvenut li wasslu ghal din il-hsara. Hu naqas milli jgib il-permess minghand l-atturi biex jassigura ruhhu li jista' jahdem minghajr ma johloq perikolu u danni u dan meta hu kien mhux biss se jaghmel xoghol ta' tindif izda xoghol iehor ancillari, bhal skavar bil-*bucket* tal-gaffa, anke jekk hafif, rinforzar fil-*bridge* u sodda tal-konkos. Apparti dan jibqa' li hu dejjem kien obbligat li fix-xoghol li jaghmel ma jikkawzax hsara.

"Is-socjeta` attrici pprezentat prospett dettaljat dwar kif gie stabbilit l-ammont ghal hsarat li hi qed titlob a fol. 34. Xehdet l-inginier Alice Zammit li spjegat x'kien mehtieg biex issewwiet il-hsara kagjonata.  Hi qalet li l-*cables* huma tal-Maltacom mentri l-kumpanija Wirenet ghamlet it-

tiswijiet. Spjegat li nbidel il-tul tal-*cable* minn kaxxa ghal ohra u ma setghetx issir gonta u li mhux normali li ssir gonta fejn ikun hemm hsara. Kienu ingaggaw hdax il-persuna biex sewwew il-*cable* u hadilhom hafna hin billi kien hemm il-konkos fil-*pipe*. Ma kienx hemm *duct route* ohra vojta jew *spare* li setghu juzaw.

“Ghalhekk l-ammont mitlub qed jigi milquh.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut tat-18 ta’ Frar 2008 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti:
“......joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa’ l-aggravji tal-esponent appellant u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex l-appell tal-konvenut jigi respint, bl-ispejjez kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut gie mqabbad mill-Kunsill Lokali ta’ Hal Qormi sabiex inaddaf il-wied li hemm ezattament ma’ Triq il-Wied fl-istess rahal. Il-konvenut uza gaffa ghal dan l-iskop u fil-kors tax-xoghol, laqghat u qatta *cable* tal-kumpanija attrici, bir-rizultat li kkaguna hsara lill-istess u lis-sistema telefonika fl-inhawi. Il-konvenut instab responsabbli ghal dik il-hsara mill-ewwel Qorti, pero`, hu appella u jargumenta in sostanza li hu m’ghandux jitqiesx responsabbli peress li l-*cable* kien fil-wicc tal-wied, u peress ukoll li hu kellu biss inaddaf l-istess wied, billi jnehhi l-kwantita` ta’ tarrapin u hamrija li ngema’ taht il-pont li jaqsam l-istess wied. Hu jghid li ghalhekk ma kellux jitlob permess minn xi awtorita` ghax-xoghol li kien behsiebu jaghmel, lanqas li jitlob lis-socjeta` attrici biex din tindakalu minn fejn kienu qed jghaddu l-*cables* taghha.

Trattat dan l-appell, din il-Qorti tibda biex tirrileva illi hi disposizzjoni espressa tal-ligi taht il-Kodici Civili illi jitqies fi htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artiklu 1032(1)]. Hu spjegat mill-awturi illi *"negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza"*: ara <u>Alpa</u> *"La responsabilita` civile"*, *Trattato di diritto civile, Milano* 1999 p261 u <u>Franzoni</u> *"Le obbligazioni da fatto illecito"*, Ed. Utet, 2004, p42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extra-kontrattwali (Artikolu 1032(1) predett) id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif jinsab ritenut, *" quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto."* (**Pubblio Azzopardi v. Antonio Arcicovich et**, Appell Civili 14 ta' Novembru 1919.)

F'dan il-kaz, il-konvenut jghid li hu ma kien htieglu jitlob ebda permess ghax kien biss se jhammel il-wied u mhux ihaffer. Il-fatt hu, pero`, li l-konvenut ma kienx se juza pala jew xkupa ghal dan it-tindif, izda gaffa, u din hi magna b'sahhitha u kbira, li hi perikoluza meta tintuza fit-toroq ghax ftit jew wisq taqla l-wicc tal-art. Apparti l-fatt li mill-provi prodotti jidher li l-konvenut haffer l-art tal-wied u nizel xi sitta jew seba' pulzieri taht wicc l-art (biex jipprepara sodda ghall-konkos) skond il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta), allura in vigore, mhux biss meta jkun ser isir tahfir fit-triq irid jinghata avviz lill-awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta (Artikolu 27(1)), izda anke meta jkun se jsir tnehhija ta' hamrija jew trab minn triq jew postijiet ohra pubblici (Artikolu 37). Il-konvenut *ex admissis* naqas li jaghti dan l-avviz, u kif kienet qalet il-

Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Ventura noe v. Vassallo noe**, deciza fis-27 ta' Gunju 2003 jekk ma jinghatax avviz u ssir hsara, il-kuntrattur ghandu jitqies responsabbli ghall-hsara. Il-kuntrattur hu responsabbli li jottjeni l-permessi kollha u jiehu dawk il-mizuri kollha biex jassigura ruhu illi ma ssir ebda hsara lill-ebda struttura meta jkun qieghed jahdem fuq xi art.

Il-fatt li skond il-ligi l-Kunsill Lokali seta' jaghti permess biex isir ix-xoghol in kwistjoni, ma jezonerax lill-kuntrattur milli jaghti dawk l-avvizi u jitlob dawk il-permessi marbuta max-xoghol. Lanqas ma hi skuza li l-*cable* seta' kien ftit l-isfel minn wicc l-art tal-wied (l-*engineer* tas-socjeta` attrici pero` tghid li l-*cables* kienu zewg piedi taht l-art). Il-fatt biss li l-konvenut naqas mill-obbligazzjoni tieghu li javza formalment lill-awtorita` kompetenti hija indikazzjoni ta' traskuragni u negligenza fl-operat tieghu. Hu prevedibbli li f'zona vicin l-abitat ikun hemm *cables* tat-*telephone* taht l-art, daqs kemm hu prevedibbli li uzu ta' gaffa jista' jaghmel hsara lill-istess art u l-*cables* ta' taht. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut li juza d-diligenza ta' *bonus paterfamilias* u jikkawtela kontra xi akkadut bhal dak li sehh f'dan il-kaz. Il-konvenut, kif ikkonferma s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi, kellu mhux biss inaddaf il-wicc tal-wied, izda ihaffer xi sitt pulzieri, peress li l-Kunsill ried jiksi l-wied bil-konkos. Dan ix-xoghol kien jirrikjedi qtugh tal-wicc, u kien dmir tal-kuntrattur jivverifika mal-awtorita` kompetenti jekk kienx ghaddej xi haga taht il-wicc, u l-posizzjoni preciza ta' dik il-"haga".

Biex tikkonkludi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, moghtija fis-7 ta' Mejju 2004 fil-kawza **Maltacom Plc v. Carmel Vella Ltd**, fejn inghad illi:

"l-obbligu tal-applikazzjoni u tal-otteniment tal-permess mhux wiehed kapriccjuz jew sempliciment burokratiku imma hu ta' essenza ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet partikolari. Dan kemm biex tigi evitata hsara lill-proprjeta` ta' terzi kif ukoll ghall-inkolumita` tal-persuni li jkunu qed jaghmlu xoghol riskjuz u ta' perikolu ghalihom u ghall-

utenti tat-triq. Is-socjeta` konvenuta kellha ghalhekk b'dover taccerta ruhha fejn kienu l-*cables* tas-socjeta` attrici qabel ma tibda x-xoghlijiet. Jekk xejn biex tigi assigurata bl-appozitu immarkar fit-triq minn fejn kienu ghaddejin il-*cables* midfunin taht l-art. Immarkar dan essenzjali u li ried isir mill-impjegati tal-Maltacom u li fil-kaz ta' Triq l-Ingilterra ma setax isir tempestivament ghaliex is-socjeta` appellanti naqset milli tapplika dwarha."

Aktar minnhekk, fl-istess sentenza dik il-Qorti osservat ukoll illi:

"anke indipendentement pero` minn kwalsiasi permess, il-fatt li l-kuntrattur ikun munit b'tali permess lanqas ma jista' jezentah mill-htija jekk din fil-fatt tokkorri u l-hsara tavvera ruhha."

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------